**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 200/2019 RM**

**Absolute Constructions Limited**

**-Vs-**

**Astrid Marie Lucienne Lubin (I.D. 122255A) u Denis Constantin Antoine Tailly (I.D. 122293A)**

**Illum, 25 ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Absolute Construction Limited fir-Reġistru tal-Qorti fit-18 ta' Settembru 2019 fejn talab li l-konvenuti Astrid Marie Lucienne Lubin u Denis Constantin Antoine Tailly jiġu kkundannati jħallsuha s-somma ta' tlettax-il elf Euro (€13,000), oltre l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini, spejjeż inkluż kiri ta' cranes u xogholijiet reżi mis-socjeta' attrici lilkom, fuq inkarigu taghkom stess, fil-fond numru ħamsa u ghoxrin (25) Triq l-Irlandiżi, Bormla.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittri legali li ntbaghtetilkom u tal-mandat ta' sekwestru preżentat konteswalment, u bl- ingunzjoni taghkom ghas- subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Astrid Marie Lucienne Lubin u Denis Constantin Antoine Tailly ippreżentata fis-16 ta' Diċembru 2019 fejn eċċipew:-

*"1. Fl-ewwel lok in kwantu jirrigwarda Denis Constantin Antoine Tailly, ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnu u s- socjeta' attrici. Huwa mhux il-propjetarju tal-fond fejn saru x-xogholijiet u bejnu u bejn martu hemm s-separazzoni tal-beni.*

*2. In kwantu jirrigwarda Astrid Maria Lucienne it-talba hija nfundata fil-fatt u fid-dritt minhabba s-segwenti ragunijiet;*

*(i) L-ammont mitlub huwa eccesiv u mhux gustifikat. Fil-fatt il-Perit inkarigat mix-xoghol kien stma l-valur tax-xoghol maghmul fis-somma €54,454 (inkluz il-VAT) u l-konvenuta s'issa hallset is-somma ta €47,200 (u ghadha qatt ma inghatat ricevuta fiskali), biex b'hekk in pessima ipotesi l-ammont huwa ferm inqas minn dak pretiz;*

*(ii) Barra minn hekk is-socjeta' attrici kienet tardiva fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet u ai termini ta' klawzola 8 tal-kuntratt t'appalt bejn il-partijiet hija nkorriet penali ta €50 ghal kull gurnata ta' dewmien, u din il-penali likwidata tammonta ghal 3 xhur, ammontati ghal €4,500 li ghandhom jitnaqqsu minn kwalunkwe ammont dovut;*

*(iii) Is-socjeta' attrici ppretendiet hlas ta' crane service tat-tip mobile, mhux permanenti, b'rata eccessiva u ghal granet meta l-istess crane ma giex uzat, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.*

*Illi in vista tas-suespost it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez"*

Is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-bilanċ ta' prezz ta' xogħolijiet ta' kostruzzjoni li hija wettqet fil-fond tal-konvenuta Lubin ġewwa Wied il-Għajn.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi ġiet inkarigata mill-konvenuta Astrid Lubin biex jitranġa xi xogħol li kien diġa' sar minn kuntrattur ieħor li kien preċedentement inkarigat mill-konvenuta, peress li dan ġie meqjus mill-Perit tal-proġett bħala xogħol difettuż. Oltre dan, is-soċjeta' attriċi ġiet inkarigata tibni sulari ġodda fuq l-arja tal-pjan terran eżistenti, teżegwixxi numru ta' alterazzjonijiet strutturali interni u tlesti l-binja sa stat ta' ġebel u saqaf.

L-appalt huwa regolat minn skrittura privata li ġiet iffirmata fl-10 ta' Jannar 2019 minn Saviour magħruf bħala Sammy Attard għan-nom u in rapprentanza tas-soċjeta' attriċi, il-konvenuta Astrid Lubin u l-Perit inkarigat mill-proġett, Amanda Degiovanni. In essenza, il-partijiet ftiehmu illi l-appalt kellu jinbeda fl-14 ta' Jannar 2019 ('*Commencement of Works*') u jitlesta fi żmien xaharejn ('*Termination of Works*'), bi ħlas ta' penali li jkun dovut lill-konvenuta, ta' €50 kuljum sa massimu ta' 10% tal-valur tax-xogħolijiet, f'każ ta' dewmien fit-tlestija tal-appalt. Il-konvenuta ħallset depożitu fis-somma ta' €10,000 lis-soċjeta' attriċi u ntrabtet li teffettwa pagamenti perijodikalment kull erba' sa sitt ġimgħat[1].

Il-Perit Amanda Degiovanni ċertifikat il-valur tax-xogħolijiet komplessivament eżegwiti mis-soċjeta' attriċi fis-somma totali ta' €54,454.90, inkluż VAT[2].

Hemm qbil il l-konvenuta ħallset lis-soċjeta' attriċi permezz ta' pagamenti perijodiċi, is-somma komplessiva ta' €47,200 u ma kienx inħareġ ebda riċevuta għall-fini ta' VAT.

---

[1] Ara ' Appendix' tal-kuntratt tal-appalt, paġna 32 tal-atti tal-kawża.
[2] Ara kont Dok. SA3.

Jirriżulta wkoll illi minkejja li l-appalt kellu jitwettaq fi żmien xaharejn mid-data stabbilita (14 ta' Jannar 2019), ix-xogħolijiet tlestew xhur wara.

Ikkunsidrat;

Illi ġie eċċepit b'mod preliminari illi ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn il-konvenut Denis Constantin Antoine Tailly u s-soċjeta' attriċi, stante illi huwa mhux il-proprjetarju tas-sit li fih ġie eżegwit l-appalt filwaqt li hu u martu l-konvenuta Astrid Lubin għandhom separazzjoni tal-beni.

Filwaqt li l-konvenuta taċċetta fir-Risposta tagħha li l-konvenut Denis Constantin Antoine Tailly huwa żewġha, hu evidenti mix-xhieda u l-provi li l-konvenuti m'humiex ta' nazzjonalita' Maltija u fiċ-ċirkostanzi u fin-nuqqas ta' provi li jagħtu x'jifhmu li huma żżewġu Malta fejn fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, jiġi applikat *ipso iure* r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux dik tas-separazzjoni tal-beni, il-Qorti m'hi sejra tassumi xejn.  Iktar minn hekk, kienet il-konvenuta waħedha li tat l-appalt lis-soċjeta' attriċi mingħajr il-parteċipazzjoni tal-konvenut żewġha u ma hemm xejn fl-atti li juri li l-konvenut huwa wkoll komproprjetarju tal-fond li fir-rigward tiegħu kellu jiġi eżegwit l-appalt.  Fil-fatt, billi ma hemmx prova lanqas tad-data meta ġie akkwistat dan il-fond u tad-data meta l-konvenuti setgħu stabbilixxew ir-residenza tagħhom ġewwa Malta, il-Qorti ma tistax lanqas tapplika l-preżunzjoni maħsuba fl-artikolu 1316(2) tal-Kodiċi Ċivili biex tqis li huwa applikabbli għaż-żwieġ bejn il-konvenuti, ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti – aċċertament li seta' jirradika xi xejra ta' leġittimita' passiva fil-persuna tal-konvenut Denis Constantin Antoine Tailly.

Fuq kollox, Sammy Attard, direttur tas-soċjeta' attriċi, meta ġie mistoqsi in kontro-eżami għaliex istitwixxa l-kawża wkoll fil-konfront tal-konvenut Denis Constantin Antoine Tailly, iddikjara li ma jafx min hi din il-persuna wisq inqas jaf ir-raġuni għaliex it-talbiet tas-soċjeta' attriċi ġew indirizzati fil-konfront tal-imsemmija persuna.

Kif inhuwa risaput, is-suċċess ta' eċċezzjoni dwar nuqqas ta' relazzjoni ġuridika jinsab fil-prova tal-karenza ta' kull xorta ta' rapport ġuridiku bejn il-konvenut li jeċċepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradittur u l-fattispecje tal-*causa pretendi* tal-azzjoni proposta mill-attur.

Fil-kaz **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**[3] deciza fit-28 ta' Settembru 2016 il-Qorti qalet hekk:

"*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza*:

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

Għaldaqstant, il-fatt waħdu li l-konvenuti huma miżżewġin ma huwiex biżżejjed, f'dan il-każ partikolari, biex jirradika rapport ġuridiku li in bażi tiegħu l-konvenut Denis Constantin Antoine Tailly seta' jiġi mħarrek biex iwieġeb għad-domanda attriċi għall-ħlas tal-appalt, u l-Qorti hi sodisfatta illi l-istess konvenut ma jistax jitqies li huwa persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attrici u sejra teħilsu milli joqgħod fil-ġudizzju.

---

[3] Rik Gur Nru 700/14

Ikkunsidrat;

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi l-konvenuta ma għandhiex raġun fl-argoment tagħha illi l-ammont dovut minnha hu ferm inqas minn dak mitlub mis-soċjeta' attriċi għaliex, allegatament hija qatt ma ngħatat riċevuta tal-VAT għall-ħlasijiet kollha li wettqet (b'kollox is-somma ta' €47,200[4]). Dan l-argoment tal-konvenuta jidher li hu msejjes fuq il-premessa illi peress li hija qatt ma ngħatat riċevuta tal-VAT għall-ħlasijiet li diġa' wettqet, is-soċjeta' attriċi mhux intitolata żżid il-VAT fuq l-ammont rappreżentanti l-valur tax-xogħol eżegwit u l-ammont rappreżentanti l-VAT (fis-somma ta' €7,200) fil-pagamenti li laħqet ħallset l-istess konvenuta, irid jitnaqqas.

Il-Qorti tibda biex tgħid illi hu ovvju li s-soċjeta' attriċi bħala soċjeta' li tiġġestixxi attivita' ekonomika konsistenti f'negozju jew kummerċ, hi persuna taxxabbli, li jfisser li hija legalment obbligata taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[5] (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) li żżid VAT bir-rata ta' 18% fuq il-valur tal-provvisti tagħha u tħallas din it-taxxa lill-Kummissarju skont l-artikolu 21 tal-Att. Il-konvenuta ma wrietx li s-soċjeta' attriċi m'hijiex persuna taxxabbli[6] jew li l-provvisti tagħha huma provvisti eżenti[7] skont il-liġi.

Ir-regolament 3 tar-Raba' Skeda tal-Att jistipola illi t-taxxa fuq provvista li sseħħ f'Malta (ħlief għal provvista li għaliha tapplika l-partita 4), jkollha titħallas fid-data l-aktar kmieni miż-żewġ dati li ġejjin:-

(a) id-data li fiha titqies li tkun seħħet il-provvista;

(b) id-data li fiha jsir il-ħlas tal-provvista sal-limitu kopert b'dak il-ħlas.

Applikat dan għall-każ in diżamina jfisser li għall-fini tal-pagamenti dovuti perijodikalment mill-konvenuta skont il-ftehim tal-appalt, kellu jiġi impost - b'żieda mal-valur ċertifikat bħala dovut lis-soċjeta' attriċi għall-provvista li seħħet - it-taxxa

[4] Hekk xehdet il-konvenuta mhux kontradetta – ara wkoll Dok. ATL11.
[5] 'L-Att'.
[6] Art. 5 Kap. 406.
[7] Art. 9 Kap. 406.

tal-VAT bir-rata ta' 18%. Għalkemm jista' jkun il-każ li s-soċjeta' attriċi naqset milli toħroġ u żżomm kont tat-taxxa fuq il-valur miżjud skont il-Ħdax-il Skeda, u jew milli toħroġ u tagħti lill-konvenuta riċevuta fiskali jew dokument ieħor kif meħtieġ taħt l-artikolu 51 u t-Tlettax-il Skeda tal-Att (li juru illi l-pagamenti li hija laħqet ħallset s'issa kien kompriż fihom it-taxxa tal-VAT), dan ma jfissirx li l-konvenuta hi b'daqshekk eżonerata milli tħallas it-taxxa tal-VAT fuq il-valur tal-provvisti mogħtija mis-soċjeta' attriċi. Iktar minn hekk, kull nuqqas bħal dan da parti tas-soċjeta' attriċi ma jnaqqas xejn mill-obbligu legali tagħha li fil-kont maħruġ minnha, timponi din it-taxxa b'żieda mal-valur taxxabbli lilha dovut għall-provvisti reżi minnha, tiġborha mingħand il-konvenuta ma' kull ħlas, u tgħaddiha lill-*fiscus*.

Dan ifisser illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta safejn imsejsa fuq in-nuqqas tas-soċjeta' attriċi milli toħroġ riċevuti fiskali relattivament għall-pagamenti li diġa' effettwat[8], jew fuq l-inapplikabbilita' tat-taxxa tal-VAT għall-provvisti reżi lilha mis-soċjeta' attriċi, hija infondata: kwalsiasi allegat nuqqas tas-soċjeta' attriċi mill-obbligi legali tagħha taħt l-Att ma jista' qatt jolqot jew ixejjen l-obbligu korrispondenti tal-konvenuta li tħallas it-taxxa tal-VAT bir-rata ta' 18% fuq il-valur ta' kull provvista li ngħatatilha - obbligu li kif rajna, jitwieled u jkun dovut fid-data li fiha tkun saret il-provvista.

Konsegwentement, l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi ma tistax titqies li hija eċċessiva biss għaliex għadha ma nħarġitx riċevuta fiskali lill-attriċi u għalhekk, l-eċċezzjoni 2(i) fir-Risposta ser tiġi respinta. Effettivament, is-somma ta' €47,200 li l-konvenuta ħallset s'issa għandha titqies li tinkludi s-somma ta' €7,200 f'taxxa tal-VAT, li jfisser li l-konvenuta – previa l-akkoljiment tat-talba tas-soċjeta' attriċi fir-rigward - fadallha tħallas bilanċ fis-somma ta' €7,254.90 (ukoll kompriż it-taxxa tal-VAT) għall-valur tax-xogħolijiet eżegwiti, kif ċertifikat mill-Perit tal-proġett[9].

---

[8] Paragrafu 2(i) tar-Risposta.

[9] Ma' dan l-ammont irid jiżdied kull ammont ieġor li jista' talvolta jiġi stabbilit bħala dovut lis-soċjeta' attriċi għall-kiri tal-crane.

Dan qed jingħad ukoll għaliex għall-bqija, il-konvenuta ma tikkontestax il-valur ċertifikat tax-xogħol appaltat u eżegwit, u ma ressqet ebda lanjanza dwar il-kwalita' tax-xogħolijiet eżegwiti jew il-materjali użati. Kemm hu hekk, il-Perit Amanda Degiovanni kkonfermat fix-xhieda tagħha li kienet kuntenta bil-kwalita' tax-xogħol eżegwit mis-soċjeta' attriċi f'dan l-appalt.

Għall-Qorti dan ifisser li jekk mis-somma totali ta' €54,454.90 il-konvenuta ħallset is-somma ta' €47,200[10], il-bilanċ riżultanti fis-somma ta' €7,254.90 tal-valur tax-xogholijiet eżegwiti u debitament ċertifikati mill-Perit tal-proġett, hu dovut, salv li jiġu mistħarrġa u deċiżi l-eċċezzjonijiet sussegwenti sollevati fir-Risposta tal-konvenuta.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuta tikkontendi illi mill-bilanċ minnha dovut irid jitnaqqas l-ammont ta' €4,500 in linea tal-penali li trid titħallas lilha mis-soċjeta' attriċi ai termini tal-klawsola 8 tal-ftehim tal-appalt. Kif ingħad qabel, il-partijiet ftiehmu li l-appalt kellu jinbeda fl-14 ta' Jannar 2019 u jitlesta xaharejn wara. Il-konvenuta xehdet illi kien hemm b'kollox dewmien ta' disgħa u tmenin ġurnata[11].

Fil-klawsola bin-numru 8 fil-ftehim tal-appalt il-partijiet ftiehmu, *inter alia*: "*... If the Conttractor fails to complete the words until the declared completion date, or within the extended deadline affixed* (*sic.*) *in accordance with these conditions,* ***the Contractor shall pay to the owner a sum calculated based rate set out in appendix as a penalty for the delay***[12]*, for the period elapsing between the date of completion approved and actual date of completion of works. The Owner has the right to deduct such sum from any amount due to the Contractor.*" (emfasi tal-Qorti)

---

[10] Kif jirriżulta mill-kopja ta' *bank drafts* esebiti komplessivament bħala Dok. ATL11.
[11] Ara prospett Dok. ATL13, paġna 145 tal-atti proċesswali.
[12] Fl-Appendix din ir-rata ġiet stipolata bħala *€50 daily (up to a maximum of 10% of value of works)*.

Is-soċjeta' konvenuta taqbel li x-xogħolijiet damu għaddejjin oltre ż-żmien miftiehem iżda tiċħad li l-appalt tlesta biss tliet xhur wara d-data miftiehma[13]. Tikkontendi li kien hemm ġranet fejn ma setgħux isiru xogħolijiet minħabba maltemp – ħaġa li ġiet affermata mill-Perit tal-proġett kif ukoll mill-konvenuta nnifisha[14] – kif ukoll minħabba li kienu qed isiru xogħolijiet fit-triq quddiem is-sit tal-Gvern u kien hemm ġranet fejn ma setgħux jgħaddu bl-inġenji.

Mix-xhieda tal-Perit Amanda Degiovanni[15] jirriżulta li s-sit ma kienx faċli biex taħdem fih għaliex huwa kantuniera u aċċessibbli minn niżla pjuttost wieqfa, filwaqt li t-triq quddiem id-dar tal-konvenuta hija waħda ferm dejqa li minnha ma jgħaddux vetturi. Xehdet illi dak iż-żmien kien qed isir xogħol ta' kostruzzjoni mill-Awtorita' tad-Djar fis-sit biswit id-dar tal-konvenuta u s-soċjeta' attriċi rnexxielha tirranġa mal-kuntratturi li kienu ġew ingaġġati jaħdmu f'dan is-sit l-ieħor, biex tikseb aċċess bl-inġenji u tarma l-*crane* minn ġewwa dan is-sit adjaċenti. Ġara iżda li għall-ħabta ta' Frar jew Marzu 2019, meta l-appalt kien kwazi nofsu eżegwit u kienu laħqu saru l-alterazzjonijiet interni u nbena s-sular ta' fuq, il-kuntrattur li miegħu kien sar ftehim dwar l-aċċess għas-sit tal-konvenuta ma baqax jaħdem fis-sit tal-Awtorita' tad-Djar. Dan ħoloq diffikolta' għas-soċjeta' attriċi għaliex ma kienx għad kellha aċċess għas-sit u kien biss wara li kien għadda ftit taż-żmien u bl-intervent ukoll tal-konvenuta nnifisha, li sar ftehim ġdid mal-Awtorita' tad-Djar li awtorizzat li tingħata aċċess mis-sit tagħha iżda taħt numru ta' kundizzjonijiet. Fost dawn il-kundizzjonijiet kien hemm li trid tintalab iċ-ċavetta mingħand l-Awtorita' tad-Djar kull darba li kien jinħtieġ aċċess, u l-aċċess kien jingħata biss jekk ma kienx ser ikun hemm xogħolijiet għaddejjin dakinhar fis-sit tal-Awtorita'. Il-Perit ikkonfermat illi s-sit tal-konvenuta ma kien xejn prattiku biex isir ix-xogħolijiet fih u kienet hi stess li kienet irrakkomandat li l-aċċess għas-sit bl-inġenji isir mis-sit tal-Awtorita' tad-Djar u illi minħabba din id-diffikolta' fl-aċċess u t-trattattivi mal-Awtorita', il-kuntrattur dam

[13] "*Ċuċati kien hemm*" – xhieda ta' Saviour Attard 24 ta' Jannar 2022.
[14] Il-konvenuta xehdet illi fit-23 u fil-25 ta' Frar 2019 ma setgħux isiru xogħolijiet għaliex kien hemm maltempata qawwija – xhieda tal-14 ta' Marzu 2022.
[15] Xhieda tal-21 ta' Jannar 2021.

iktar mix-xaharejn oriġinarjament pattwiti biex ilesti l-appalt minn kollox għaliex dan spiċċa tlesta f'Mejju 2019.

Il-Perit De Giovanni xehdet ukoll li b'kollox hemm lok għal ftit ġranet biss in linea ta' penali għaliex id-dewmien kien ġustifikat minħabba l-lokalita' tas-sit u l-problemi tal-aċċess. Fissret ukoll li t-talba tal-konvenuta biex jiġi likwidat penali għal tliet xhur dewmien hi esagerata u eċċessiva, sija għaliex iż-żewġ partijiet għamlu xahar jaħdmu flimkien biex isolvu l-problema tal-aċċess għas-sit kif ukoll għaliex il-penali ġiet komputata mill-konvenuta fuq bażi ta' ġimgħa ta' xogħol ta' sitt ijiem u mhux ħamest ijiem. Ikkonfermat in fine li l-valur tax-xogħolijiet indikat fil-kont Dok. SA3 ma fih ebda tnaqqis in linea ta' penali.

Illi qabel xejn, kif sewwa ġie rilevat mill-abbli avukat tal-konvenuta waqt it-trattazzjoni, irid jiġi deċiż jekk biex titlob b'suċċess it-tnaqqis mill-bilanċ reklamat tal-penali għad-dewmien, il-konvenuta kellha titlob b'talba rikonvenzjonali l-likwidazzjoni u l-ħlas tal-penali. Tassew il-konvenuta ma ressqet ebda talba rikonvenzjonali kontestwalment mar-Risposta tagħha f'din il-kawża, iżda tikkontendi *in via d'eccezione* li huwa dovut mingħand is-soċjeta' attriċi penali likwidat fis-somma ta' €4,500 u illi din il-penali għandha titnaqqas mill-bilanċ reklamat minnha f'din il-kawża.

Minn qari tal-klawsola 8 tal-ftehim tal-appalt, ċitat iktar qabel, hu ovvju li l-penali hija effettivament ħlas li jkun dovut lill-konvenuta f'każ ta' inadempjenza kuntrattwali tal-kuntrattur, ħlas li allura jrid jintalab li jiġi likwidat u mħallas lill-konvenuta biex, jekk hekk tagħżel, b'applikazzjoni tad-dritt mogħti lilha fil-klawsola in diżamina, tnaqqsu mill-ammont li jista' jkun dovut lis-soċjeta' attriċi għall-appalt.

Il-Qorti tibda biex tosserva li hu prinċipju elementari u bażilari tal-proċedura ċivili li hija prekluża milli taġġudika dwar xi ħaġa li ma tkunx ġiet formalment mitluba. Huwa minnu illi skont l-artikolu 213 tal-Kap. 12, din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha tista', jekk jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol

sewwa fit-talba oriġinali, tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat. Iżda dan il-prinċjipju jopera biex iwessa' fejn meħtieġ, il-kawżali tat-talba tal-attur fir-Rikors promotur u mhux biex joħloq talbiet fejn dawn ma jsirux.

Il-Qorti tqis illi biex jiġi aġġudikat favur tagħha din il-penali, il-konvenuta kellha tipprevalixxi ruħha mill-proċedura taħt l-artikolu 396 tal-Kap. 12 u tifformalizza l-pretensjoni tagħha billi tressaq talba rikonvenzjonali f'din il-kawża, jew inkella tressaq talba *ad hoc* f'proċeduri separati. In mankanza ta' talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-penali u l-konsegwenti tnaqqis tagħha mill-ammont reklamati fit-talba prinċipali fir-Rikors tas-soċjeta' attriċi, l-indaġni u l-ġudizzju li trid tagħmel din il-Qorti jibqgħu ristretti biss għal dawk it-talbiet - li huma l-uniċi talbiet li għandha quddiemha - u l-eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenuta u l-konvenuta ma tistax, raġjonevolment, tistenna li l-Qorti tinvesti u taġġudika wkoll, lil hinn mit-talba tas-soċjeta' attriċi fir-Rikors promotur, talba oħra li ma tkunx inġiebet formalment u ritwalment a konjizzjoni tagħha, ċioe' t-talba għall-ħlas tal-penali li hija eċċepiet li hija dovuta lilha minħabba dewmien fit-twettiq tal-appalt.

Hu minnu li kif rajna, l-konvenut laqgħet għat-talba attriċi billi eċċepiet li hu dovut lilha mingħand s-soċjeta' attriċi l-ħlas tal-penali, iżda kif imfassla, din l-eċċezzjoni hi preordinata biss għaċ-ċaħda tad-domanda attriċi u xejn iktar. Il-konvenuta, lil hinn mill-oppożizzjoni tagħha għad-domanda prinċipali attriċi, ma għamlet xejn biex tisposta u twessa' l-parametri tal-kontroversja oriġinarjament arġinata mit-talbiet tas-soċjeta' attriċi fir-Rikors u spċeifikatament, ma talbitx lill-Qorti tippronunzja ruħha attivament u pożittivament favur tagħha dwar il-likwidazzjoni u ħlas ta' xi penali.

Konsegwentement, il-Qorti ma tistax u m'hijiex sejra tindaga u tiġġudika dwar il-likwidazzjoni u ħlas ta' din il-penali.

Iżda hemm raġuni oħra għaliex il-Qorti ma taqbilx illi l-konvenuta setgħet titlob *in via d'eccezione* it-tnaqqis tal-penali mill-ammont talvolta dovuta lis-soċjeta' attriċi. Dak li qed jiġi asserit effettivament mill-konvenuta fir-Risposta tagħha hu li hemm lok

għat-tpaċija bejn l-ammont minnha pretiż in linea ta' penali u l-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi sal-limitu, naturalment, tal-kreditu minnha pretiż. Hawnhekk tqum il-kwistjoni dwar l-operazzjoni ta' tpaċija fil-kuntest tal-artikolu 1196 (1)(2) tal-Kodiċi Ċivili, fejn jinsab dispost illi meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija u li tpacija ssir *ipso jure* wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri jekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.

L-artikolu 1197 imbagħad ikompli: "*t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus jew kwantita' determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci* ***li jkunu t-tnejn likwidi u li jkunu jistghu jintalbu.***" (emfasi tal-Qorti)

Din ir-regola hija wahda li tagħmilha ċar li biex it-tpacija tista' ssib riskontru fil-każ konkret, irid ikun hemm element ta' ċertezza u eżattezza fiż-żewġt idjun, li jfisser li jekk hemm xi dubbju dwar l-ammont ta' dejn jew it-tip, it-tpaċija ma tistax issir. Hu ormai rikonoxxut mill-ġurisprudenza tagħna illi tpaċija ma tista' qatt tiġi aċċettata meta jkun hemm xi nuqqas ta' ċertezza jew inkella parti mid-dejn ikun kontestat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Onor. Carm Lino Spiteri v. Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubblici**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 1988[16], ingħad illi ma tistax issir tpaċija meta d-dejn illi jkun qed jallega illi għandu favur tiegħu l-konvenut, mhux likwidu u eżigwibbli jew ta' lanqas faċilment likwidabbli, u t-tpaċija lanqas ma topera *ipso jure* jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-oħra.

Fir-rigward, għandu jingħad illi għalkemm din il-penali ġiet likwidata preventivament mill-konvenuta nnifisha fir-Risposta tagħha, hu ovvju li jispetta lill-Qorti u mhux lill-konvenuta unilateralment, tikkwantifika din il-penali billi tistabbilixxi kemm dam biex jitwettaq l-appalt oltre d-data miftiehma. Għalhekk, id-dejn pretiż mill-konvenuta għall-fini tat-tpaċija, ma jistax jitqies li huwa likwidat. Inoltre, l-eżerċizzju li jrid

[16] Mhux pubblikata. Ara wkoll **Molinair Limited vs Phyllisienne Brincat pro et noe**, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Gunju 2003.

jitwettaq biex jiġi stabbilit id-dewmien, m'huwiex ta' faċili likwidazzjoni għaliex jinvolvi stħarriġ dettaljat tal-provi biex jiġi stabbilit mhux biss id-data meta l-appalt effettivament tlesta mis-soċjeta' attriċi iżda wkoll – in vista tax-xhieda ta' Saviour Attard u l-Perit Amanda DeGiovanni – jekk, f'każ li kien hemm xi dewmien fl-eżekuzzjoni tal-appalt, dan kienx ikkaġunat minn fatturi mhux imputabbli lill-kuntrattur.

Fuq kollox, kif rajna diġa', is-soċjeta' attriċi mhux qiegħda tirrikonoxxi li kienet inadempjenti fl-obbligu kuntrattwali tagħha li tlesti l-appalt fiż-żmien pattwit minħabba xi raġuni li hija imputabbli lilha.

Għaldaqstant, applikat l-insenjament ġuridiku in materja, il-konvenuta ma tistax teċċepixxi b'suċċess it-tpaċija fil-każ in diżamina, u in mankanza ta' talba rikonvenzjonali għal-likwidazzjoni u ħlas tal-penali li hija tikkontendi hija dovuta mill-kuntrattur, il-Qorti ma tistax tiġġudika bħala dovuta xi penali favur il-konvenuta biex din imbagħad titnaqqas mill-kreditu dovut lis-soċjeta' attriċi.

It-tieni eċċezzjoni (2.ii) fir-Risposta tal-konvenuta qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat;

Jirriżulta li parti mis-somma reklamata mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors tagħha, hi pretiża in kwantu għal rifużjoni ta' spejjeż li hija ħallset għall-kiri ta' *crane* għall-użu fl-eżekuzzjoni tal-appalt. Dan l-ammont mhuwiex inkluż fil-bill of quantities maħruġ mill-Perit tal-proġett[17]. Ġie esebit invoice, maħruġ fis-17 ta' Ġunju 2019 fis-somma komplessiva ta' €4,255 in konnessjoni mal-kiri ta' *crane* u *concrete pump* bejn id-9 ta' Jannar 2019 u s-6 ta' Ġunju 2019 (Dok. SA2).

Fil-klawsola 24 tal-ftehim tal-appalt, il-partijiet ftiehmu:-

[17] Ara xhieda tal-Perit Amanda De Giovanni 21 ta' Jannar 2021.

"*The owner shall obtain the necessary permits needed from the local council and other entities in order to carry out the necessary works of haulage of materials and also propping up of necessary areas with scaffolding. The expense for the necessary cranes and pumps for haulage of materials and other works will be paid by the owner however the contractor will ensure that works will be grouped in order to reduce the need for these equipment*".

Il-konvenuta tikkontendi fil-paragrafu 2(iii) tar-Risposta tagħha li r-rata tal-ħlas tal-*cranes* li ġew mikrija mis-soċjeta' attriċi hija eċċessiva u li qed jiġi pretiż ħlas għal ġranet li fihom ma ntuża ebda *crane*.

Mix-xhieda ta' Saviour Attard jirriżulta li ntużaw diversi *cranes* differenti fl-eżekuzzjoni tal-appalt. Hu sostna illi dak iż-żmien kien qed jintuża s-sit tal-Awtorita' tad-Djar għall-armar tal-*crane* għall-użu fis-sit tal-konvenuta, iżda meta bdew isiru xogħolijiet f'dan is-sit u kien qed jitħaffer rampa, il-*crane* ma setax dejjem jintrama viċin ħafna tas-sit tal-konvenuta u kellu jinkera *crane* ikbar li jwassal iktar fit-tul minn dak li seta' jintuża kieku kien ser jintrama biswit is-sit innifsu. Dan ġie affermat ukoll mill-Perit Amanda DeGiovanni fix-xhieda tagħha. Ukoll, filwaqt li għall-bidu inkera *crane* żgħir biex ilaħħaq l-ewwel kantuniera tas-sit, għall-parti ta' ġewwa tas-sit kellu jinkera *crane* kbir. Saviour Attard ċaħad li l-aħħar *crane* li nkera kien kbir wisq għall-proġett u li ma kienx hemm bżonn li jinkera *crane* ta' dak il-kobor. Insista wkoll li l-konvenuta ġabet stima tar-rata ta' *crane* żgħir li ma kienx ikun kbir biżżejjed għat-tul li kien hemm bejn il-post fejn kellu jintrama l-*crane* u s-sit tal-appalt.

Da parti tagħha, il-konvenuta xehdet illi kuntrarjament għal dak li hemm indikat fl-invoice Dok. SA2, mhux minnu li kien inkera *crane* fit-23 ta' Frar 2019 u fil-25 ta' Frar 2019 għaliex kien hemm maltempata kbira f'dawk il-ġranet u ma kienx sar xogħol fis-sit. Qalet ukoll li hija taf li fl-4, 5 u 9 ta' April 2019 ma kienux intbagħtu ħaddiema biex jaħdmu fis-sit tagħha jew jekk kien hemm ħaddiema, l-operatur tal-*crane* ma kienx qed iħaddem il-*crane*. In kwantu l-kiri ta' *crane* fit-8 u 9 ta' Jannar

2019, il-konvenuta ssostni li ma kienx hemm *crane* fis-sit għaliex dak iż-żmien il-kuntrattur kien għadu qed ikisser ix-xogħol tal-kuntrattur ta' qablu u ma kienx hemm ħtieġa għal *crane* biex isir dan it-tkissir.

Il-konvenuta xehdet ukoll illi hija ma qablitx mar-rati li qed titlob is-soċjeta' attriċi għall-kiri tal-*crane* għaliex kisbet stima tar-rata għall-kiri ta' *crane* fis-somma ta' €35 fis-siegħa. Stqarret ukoll illi l-Perit Amanda DeGiovanni kienet qaltilha li r-rata ta' €35 fis-siegħa kienet baxxa wisq biex tkun realistika[18].

Ġie esebit invoice Dok. SA2 li fuqu saru notamenti bil-lapes mill-konvenuta[19] – notamenti li l-Qorti fehmet li jikkonsistu f'indikazzjoni tan-numru ta' sigħat li fil-ġurnata partikolari ntuża l-*crane* kieku r-rata applikabbli tkun ta' €35 fis-siegħa[20]. Il-Perit Amanda DeGiovanni kkonfermat fix-xhieda tagħha illi l-ammont ta' sigħat kif inhuma maħdumin fl-istess invoice Dok. SA2, jagħmlu sens għaliex ir-rata tal-kiri tal-*crane* tvarja anke skont l-ammont ta' sigħat li għalih jintuża l-*crane*.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm huwa minnu li s-soċjeta' attriċi naqset milli tressaq provi dokumentarji li juru illi hija effettivament ħallset lil terzi l-prezz reklamat għall-kiri ta' *cranage*, Saviour Attard ikkonferma bil-ġurament tiegħu li dan il-ħlas sar kull darba li ġie mikri *crane* għall-użu fil-proprjeta' tal-konvenuta. Fil-fatt, il-konvenuta mhux qed tikkontesta l-fatt li tassew inkrew *cranes* għall-użu fl-eżekuzzjoni tal-appalt - dawn il-*cranes* jidhru fir-ritratti li esebiet il-konvenuta nnifisha (Dok. ATL5c) – iżda qiegħda tikkontendi li l-prezz li qed jintalab għall-kiri tal-*crane* u l-ġranet li fihom allegatament inkera *cranes*, huwa eċċessiv. Għall-Qorti, il-limitazzjoni tal-kontestazzjoni għall-*quantum* tal-ammont reklamat issarraf f'ammissjoni li tassew is-soċjeta' attriċi ħallset lil terzi għall-kiri ta' *cranes* fl-użu tal-appalt in diżamina.

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

---

[18] Ara email Dok. ATL10.

[19] Xhieda ta' Saviour Attard – 3 ta' Marzu 2020. Ara wkoll l-istess invoice f'paġna 124 tal-atti tal-kawża.

[20] Ara fir-rigward ix-xhieda tal-konvenuta Astrid Lubin tal-14 ta' Marzu 2022.

In kwantu għall-kiri tal-*crane* fit-8 u 9 ta' Jannar 2019, fix-xhieda tiegħu Saviour Attard ikkonferma li huwa kien kera *crane* f'dawn l-ewwel ġranet tax-xogħol għaliex kellu jneħħi l-knaten li l-kuntrattur ta' qablu ħalla fuq il-bejt tal-binja, fatt li ma ġiex kontradett mill-konvenuta.

Għandu jingħad ukoll illi l-fatt waħdu li seta' kien hemm maltempata fit-23 u fil-25 ta' Frar 2019 ma jeskludix *a priori* li f'dawk il-ġranet ġie mikri u intuża *crane* fis-sit tal-konvenuta u m'hemm xejn fl-atti u fil-provi li juri li mhux minnu li f'dawk il-ġranet ma kienx inkera *crane* fl-użu waqt l-appalt.

Fir-rigward imbagħad, il-kiri ta' *crane* f'diversi dati matul April 2019, il-konvenuta taċċetta li kien qed jintuża *crane* għaliex dak iż-żmien kien għadu qed jinbena t-tieni sular, iżda tikkontendi li dan ma kienx qed jintuża l-ħin kollu li għalih ġie mikri għaliex ma kienx hemm ħaddiema jaħdmu fis-sit. Madankollu, mhux kontestat illi l-konvenuta ma kienetx preżenti fuq is-sit ġurnata sħiħa iżda biss sporadikament qabel u jew wara l-ħin tax-xogħol tagħha. Il-Qorti żgur mhijiex sejra taċċetta bħala verosmili l-ipotesi, mhux sopportat minn provi konkreti, li s-soċjeta' attriċi kapriċċożament kriet *crane* għal xejn jew kriet *crane* ikbar minn dak li kien meħtieġ meta dawn l-ispejjeż, għad illi dovuti fl-aħħar mill-aħħar mill-konvenuta, kienet qed tħallashom is-soċjeta' attriċi stess kull darba direttament lis-sid tal-*crane*.

Fuq kollox il-fatt illi l-Perit Amanda DeGiovanni, inkarigata mill-konvenuta nnifisha bħala l-perit tal-proġett, ikkonfermat illi l-lista tal-prezzijiet u sigħat li għalihom ġew mikrija *crane*s għall-użu fix-xogħol li kien qed jiġi eżegwit fil-fond tal-konvenuta, kif indikat fid-dokument SA2, huma raġjonevoli meqjus ix-xogħol li ġie eżegwit f'dan l-appalt. Għaldaqstant, anke għaliex il-Perit affermat illi l-prezz ta' €35 fis-siegħa huwa baxx wisq u m'huwiex prezz rejalistiku għall-kiri tal-*crane*s li effettivament intużaw għall-eżekuzzjoni tal-appalt, magħdud dan ukoll il-fatt illi l-konvenuta naqset milli tressaq fl-atti proċesswali stima, dokument jew prova oħra li turi l-prezz tal-kiri ta' *crane* fis-somma ta' €35 fis-siegħa, il-Qorti tqis illi huwa ppruvat fuq bilanċ ta'

probabbilitajiet illi s-soċjeta' attriċi effettivament kriet *crane* fil-ġranet indikati f'Dok. SA2 u li l-ammont reklamat minnha għall-kiri ta' *crane*s (Dok. SA2) huwa wieħed raġjonevoli.

Konsegwentement, billi skont il-ftehim tal-appalt, il-ħlas tal-ispejjeż għall-kiri ta' *crane* huwa a karigu tal-konvenuta, hija għandha tirrifondi lis-soċjeta' attriċi l-ammont li hija ħallset għall-kiri ta' *crane,* fis-somma komplessiva ta' €4,255.

Għaldaqstant, l-ammont komplessivament dovut lis-soċjeta' attriċi għall-eżekuzzjoni tal-appalt, kompriż il-bilanċ tal-valur tax-xogħolijiet eżegwiti u l-prezz tal-kiri ta' *cranes,* huwa ta' ħdax-il elef, ħames mija u disa' Euro u disħgin ċenteżmu (€11,509.90), liema somma għandha tħallasha l-konvenuta Astrid Lubin.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tillibera lill-konvenut Denis Constantin Antoine Tailly mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-konvenuta fir-Risposta u tilqa' parzjalment it-talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenuta ASTRID MARIE LUCIENNE LUBIN tħallas lil ABSOLUTE CONSTRUCTIONS LIMITED is-somma ta' ħdax-il elef, ħames mija u disa' Euro u disgħin ċenteżmu (€11,509.90) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur bl-imgħax mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur tat-18 ta' Settembru 2020 u bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess konvenuta ASTRID MARIE LUCIENNE LUBIN.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**